MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 301/2003

**Michael Attard Limited**

**vs**

**Roderick Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Frar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn Lira Maltija u hmistax –il centezmu (Lm200.15), rapprezentanti import ta' hames kambjali skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenut.

Bl-ispejjes bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Reuben Farrugia in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni prezentata mis-socjeta’ attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha ghal mitt lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm100.15).

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba kif ridotta u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitt lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm100.15) bl-imghax kif mitlub
.
L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------